# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 29 ta' Jannar 2016**

**Numru 10**

**Rikors numru 91/06 AF**

**Joseph Gatt**

**v.**

**Korporazzjoni Enemalta u b'nota tat-23 ta' Gunju 2015 Enemalta plc (C65836) assumiet l-atti tal-kawza minflok il-Korporazzjoni Enemalta u dan kif ordnat mill-Qorti b'digriet tas-27 ta' Lulju 2015**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur li ipprezenta fis-6 ta' Frar, 2006, u li jaqra hekk:

> "Jesponi bir-rispett u bil-gurament tieghu l-attur jikkonferma li l-fatti segwenti jafhom personalment:
>
> "1. Premess illi l-attur huwa impjegat mal-Korporazzjoni konvenuta bhala *Assistant Chief Security Officer;*

"2. U premess illi l-Korporazzjoni konvenuta cahhdet lill-attur milli jaghmel sahra minghajr raguni valida fil-ligi;

"3. U premess li tali agir huwa llegali minhabba li jiddiskrimina bejn impjegati ta' l-istess Korporazzjoni konvenuta meta l-kundizzjonijiet tax-xoghol, il-ftehim kollettiv applikabbli, u l-ligi stess ma jippermettux dan;

"4. U premess li, minhabba tali agit, l-attur sofra danni u telf finanzjarju sostanzjali;

"5. U premess li, ghalkemm interpellata diversi drabui, il-Korporazzjoni konvenuta baqghet inadempjenti;

"6. U premess illi l-Korporazzjoni konvenuta giet interpellata sabiex tghaddi ghall-likwidazzjoni u hlas tad-danni kollha sofferti mill-attur, inkluz kull telf ta' qliegh li l-attura sofra bl-agir diskriminatorju fil-konfont tieghu, izda l-Korporazzjoni konvenuta baqghet inadempjenti;

"Ghalhekk, tghid il-Korporazzjoni konvenuta ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex ghar-ragunijiet premessi"

"1.Tiddeciedi, prevja jekk mehtiega d-dikjarazzjoni li m'hemm l-ebda raguni valida that il-ligi u l-kundizzjonijiet ta' l-impjieg ta' l-attur li ghaliha huwa ghandu jigi hekk imcahhad, li l-attur huwa intitolat li jinghata l-jedd that is-sistema tas-sahra attwalment applikata mill-Korporazzjoni konvenuta bhal kull impjegat iehor ta' l-istess kategorija fil-Korporazzjoni konvenuta;

"2. Tiddikjara lill-Korporazzjoni konvenuta responsabbli unikament ghad-danni mgarrab mill-attur minhabba tali rifjut tal-ghoti tal-jedd li jippartecipa fis-sistema imsemmija;

"3. Tillikwida, jekk mehtieg bl-opra ta' perit minnha mahtur, id-danni hekk sofferti mill-attur; u

"4. Tikkundanna lill-istess Korporazzjoni konvenuta biex thallas lill-attur l-ammont hekk likwidat;

"Bir-riserva ta' kull azzjoni fil-ligi u bl-ispejjez, kontra l-Korporazzjoni konvenuta ngunta ghas-subizzjoni."

Rat ir-risposta guramentata tal-Korporazzjoni konvenuta li in forza taghha ecepiet illi;

> “1. Illi t-talba ta’ l-attur hija kompletament infondata kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez stante illi l-Korporazzjoni kienet pienament gustifikata fl-agir taghha minhabba inadempienza ta’ l-attur billi naqas illi jattendi ghall-overtime meta mehtieg u li oltre` piu` ma kienx dispost illi jiggarantixxi li fil-futur ma jergax jirrepeti dan l-agir;
>
> “2. Illi fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-attur ma garrab ebda dannu.
>
> “3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.”

Rat l-eccezzjoni ulterjuri tal-Korporazzjoni konvenuta li in forza taghha ressqet eccezzjoni ta’ preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 2148(d) tal-Kodici Civili;

Rat is-sentenza li tat il-Prim’Awla tal-Qorti Civili fl-14 ta’ Dicembru, 2011, li in forza taghha ddecidiet il-kawza billi;

> “1. Tilqa’ l-ewwel talba ta’ Joseph Gatt;
>
> “2. Tilqa’ t-tieni talba;
>
> “3. Tilqa’ t-tielet talba u tillikwida d-danni fl-ammont ta’ erbgha u tletin elf, disa` mija u erbghin Ewro u wiehed u sittin centezmu (€34,940.61), ekwivalenti ghal hmistax-il elf Lira Maltin (Lm15,000);
>
> “4. Tilqa’ r-raba` talba u tikkundanna l-Korporazzjoni Enemalta thallas lil Joseph Gatt l-ammont ta’ erbgha u tletin elf, disa` mija u erbghin Ewro u wiehed u sittin centezmu (€34,940.61).
>
> “L-ispejjez tal-kawza jithallsu mill-Korporazzjoni Enemalta.”

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet;

> “Ikkunsidrat illi jinsab pruvat illi f’Gunju 2003, ir-rikorrenti ma baqax jinghata overtime mid-dirigenti inkarigati tal-Korporazzjoni Enemalta li maghha huwa kien impjegat bhala Assistant Chief Security Officer.

Huwa jsostni li tali agir tal-Korporazzjoni kien ingustifikat u kkrealu dannu. Il-Korporazzjoni, ghalkemm tammetti li waqqfet lill-intimat milli jaghmel sahra, tinsisti li kellu raguni valida ghaliex tiehu din id-decizjoni.

"L-ewwel ezercizzju li qed taghmel il-Qorti jirrigwarda l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-Korporazzjoni Enemalta fl-ahhar stadji tal-kawza.

"Il-Korporazzjoni qed tinsisti li t-talba hija preskritta ai termini tal-Art. 2148(d) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi ghall-preskrizzjoni ta' tmintax-il xahar ghall-"azzjonijiet ta' dawk imhallsin bis-sena, ghall-hlas tas-salarju taghhom."

"Wiehed jinnota li r-rikorrenti odjern m'huwiex qed jagixxi ghall-hlas tas-salarju tieghu. Qed jitlob dikjarazzjoni li ccahhad mis-sahra bla raguni valida u qed jitlob ghalhekk, id-danni konsegwenzjali. Ghalhekk, ma japplikax ghall-kaz odjern, il-perjodu ta' preskrizzjoni invokat mill-Korporazzjoni Enemalta. Ghaldaqstant, din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

"Ghal dak li jirrigwarda l-mertu tal-kaz, jirrizulta li fiz-zmien in kwistjoni kien vigenti bejn il-Korporazzjoni Enemalta u l-General Workers Union, ftehim kollettiv li, ghar-rgward ta' sahra, jipprovdi s-segwenti:

"Art. 3.4.2 tal-collective agreement jipprovdi illi:

> "*Impjegati jistghu jitolbu u, soggett ghall-esigenzi tal-Korporazzjoni, jistghu jinghataw permess biex ma jaghmlux sahra f'okkazzjonijiet specifici.*"

"Art. 3.4.4 tal-istess ftehim jipprovdi illi:

> "*Il-Korporazzjoni taghmel li tista' biex tqassam is-sahra b'mod kemm jista' jkun ekwu, kompatibiliment ma' l-esigenzi tal-Korporazzjoni.*"

"F'dan l-istadju, issir referenza ghall-kawza fl-ismijiet "**Margaret Camilleri, Caroline Ebejer u Monica Gatt vs The Cargo Handling Co Ltd**", deciza nhar it-3 ta' Ottubru tas-sena 2003, fejn l-Onorabbli Qorti Prim'Awla tal-Qorti Civili b'referenza specifika ghall-ftehim kollettiv applikabbli stqarret li:

> "*....mill-ottika tal-ligi odjerna ordinarja, il-Ftehim Kollettiv, bhala kuntratt ghandu "sahha ta' ligi" ...u tkompli tinsisti li s-socjeta' konvenuta (u dan huwa konsegwentement applikabbli ukoll ghall-Korporazzjoni konvenuta), "illi bhal kull kuntratt iehor dan ghandu jigi esegwit bil-bona fidi u l-obbligi u d-drittijiet tieghu sostenuti bl-ekwita', bl-uzu jew bil-ligi".*"

"Jinsab pruvat u mhux kontestat bl-ebda mod li r-rikorrenti tassew twaqqaf milli jaghmel sahra (ittra datata 24 ta' Novembru 2005).

"Ir-rikorrenti jikkonferma fl-affidavit tieghu:

> "*.... jien mhux vera li rrifjutajt li nahdem is-safra ghax kieku kont nispicca sospiz zgur u dan qed nghidu minhabba dak li hemm stipulat fil-ftehim kollettiv li kien jirregola lili u lil shabi fuq il-post tax-xoghol. Dan jista' anke jigi kkonfermat mir-rapprezentanti tieghi tal-General Workers Union li jiena membru fiha u li kienu jafu ezatt x'qed jigri.*
>
> *Il-kwistjoni bdiet meta ghall-habta tal-bidu ta' Gunju tas-sena 2003 avvicinani s-Sur Edward Darmanin, Chief Security Officer fil-Korporazzjoni u qalli biex minn dakinhar ma nidholx izjed ghall-overtime.*"

"Jghid ukoll:

> "*Il-kwistjoni bdiet meta ghall-habta tal-bidu ta' Gunju tas-sena 2003 avvicinani s-Sur Edward Darmanin, Chief Security Officer fil-Korporazzjoni u qalli biex minn dakinhar ma nidholx izjed ghall-overtime. Jien, din l-ahbar, onestament ma haditx tajba ghax ma stajtx nifhem ghaliex xi haga hekk kienu qed jghiduha lili biss, iktar u iktar ghax zgur li ma kienx il-kaz li ma kienx hemm il-htiega li ssir izjed sahra.*"

"Joseph Cutajar, Corporate Services Manager, jispjegaha hekk is-sitwazzjoni:

> "*Fil-fatt, is-Sur Gatt, meta kien mehtieg illi jattendi ghall-overtime, irrifjuta illi jaghmel dan u minhabba f'dan in-nuqqas qajjem dizgwid u agitazzjoni serja billi r-roster tieghu kien ser jisfaxxa minhabba n-nuqqas tieghu li jattendi, liema nuqqas ma kienx ibbazat fuq ebda raguni valida.*
>
> *Is-Sur Gatt, bhala Assistant Chief Security Officer, li jfisser li ghandu shift ta' security officers tahtu, kellu responsabilita' illi jara li n-nies ta' tahtu josservaw ir-roster assenjat lilhom u ghaldaqstant, in-nuqqas tieghu illi jattendi kien ferm aktar serju ghax hu kien iddecieda hesrem illi ma jattendix ghall-overtime li kien tenut li jattendi ghalih.*
>
> *Illi ghalhekk, il-kap tieghu, bi qbil mieghi, ha l-pass illi s-Sur Gatt ma jinghatax aktar overtime sakemm jikkommetti ruhu li jkun disponibbli meta jkun mehtieg ghall-overtime, billi r-responsabilita' li tikkomprendi l-funzjoni tieghu bhala security tal-Enemalta, li hija multiplikata mill-grad tieghu fi hdan l-istess sezzjoni, kienet tehtieg li bniedem, sakemm ma jkollux raguni valida, ma jirrifjutax l-overtime.*"

"Issa, fl-affidavit tieghu, ir-rikorrenti jichad li qatt irrifjuta overtime.

> "*Fil-verita', dan qatt ma kien minnu u jien qatt ma rrifjutajt li nahdem overtime ghax mhux biss kien dover tieghi imma nghid id-dritt, il-paga kienet tkun wahda ferm ahjar milli kieku minghajru.*"

"Konferma ta' dan tigi ukoll minn Rebecca Gatt, Segretarja tat-Taqsima Kimika, Energija u Stampar tal-General Wokers Union li tikkonferma:

> "*Illi l-esponent jiddikjara bl-aktar mod assolut li huwa qatt ma gie ffaccjat b'xi proceduri ta' dixxiplina. Fi kliemu stess jghid li, "***fl-ebda mument qabel ma spiccajt mix-xoghol ma gejt sospiz xi darba la ghall-ebda raguni u wisq anqas ghax jien irrifjutajt l-overtime***"."

"Ta' min jinnota li ebda xhieda tal-rikorrenti ma giet kontro-ezaminata.

"Din il-Qorti mbaghad tqis li ukoll jekk irrizulta li xi darba r-rikorrenti rrifjuta li jahdem sahra, dan ma kienx jiggustifika lill-Korporazzjoni tiehu t-triq li hadet, kif fil-fatt haditha. Ma jirrizultax lill-Qorti li l-Korporazzjoni qatt hadet xi passi fil-konfront tar-rikorrent ghal rifjut ta' sahra. Anzi, il-Corporate Services manager xehed hekk:

> "*Illi ghalhekk, il-kap tieghu, bi qbil mieghi, ha l-pass illi s-Sur Gatt ma jinghatax aktar overtime sakemm jikkommetti ruhu li jkun disponibbli meta jkun mehtieg ghall-overtime.*"

"Fid-dawl tas-suespost, ghalhekk, il-Qorti tqis li r-rikorrenti rnexxielu jipprova sal-grad rikjest mil-ligi li fil-kamp civili illi t-talba tieghu hija gustifikata u jisthoqqilha li tigi milqugha.

"Ir-rikorrenti qieghed jitlob ukoll risarciment tad-dannu lilu kawzat bl-agir ingustifikat tal-Korporazzjoni Enemalta. Jirrizulta illi huwa tilef b'kemm jiswa' hamest elef Lira f'sahra kull sena. Galadarba dan it-telf kien kawza tal-agir ingustifikat tal-Korporazzjoni, ir-rikorrenti ghandu jithallas taghhom. Ghandu ghalhekk jircievi erbgha u tletin elf, disa' mija u erbghin Ewro u wiehed u sittin centezmu (€34,940.61), ekwivalenti ghal hmistax-il elf Lira Maltin (Lm15,000)."

Rat ir-rikors tal-appell tal-Korporazzjoni konvenuta li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet illi din il-Qorti joghgobha "tirrevoka s-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-14 ta' Dicembru 2011 billi tilqa' dan l-appell u tichad it-talbiet kollha tal-attur u tilqa' l-eccezzjonijiet tal-appellant bl-ispejjez."

Rat ir-risposta tal-attur li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnu premessi talab li din il-Qorti joghgobha;

> "tichad l-aggravji kollha tas-Socjeta` appellant u tikkonferma d-decizjoni ta' l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet Joseph Gatt vs Korporazzjoni Enemalta deciza nhar l-14 ta' Dicembru tas-sena 2011 fl-intier taghha fejn cahdet l-eccezzjonijiet tal-Korporazzjoni appellant u konsegwentament filwaqt li laqghet it-talbiet attrici kollha, kkundannat lill-korporazzjoni appellant thallas lill-attur appellat is-somma ta' €34,940.61 bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellanti."

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat;

Illi f'din il-kawza l-attur, li hu impjegat bhala Assistant Chief Security Officer mal-korporazzjoni konvenuta, jallega li hu gie ddiskirimant billi gie mcahhad milli jaghmel sahra. Il-Korporazzjoni konvenuta taccetta li ma allokatx sahra lill-attur, izda tissottometti illi dan sar peress illi l-attur kien naqas milli jattendi meta mehtieg ghas-sahra, minkejja li kien jaf li jmissu skont it-termini ta' roster pre-stabbilit. L-ewwel Qorti, wara li semghet il-provi, sabet li din l-allegazzjoni tal-Korporazzjoni konvenuta ma gietx ippruvata, u wara li cahdet l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni, illikwidat danni fl-ammont ta' €34,940.61.

Il-Korporazzjoni konvenuta appellat mis-sentenza u resqet tlett aggravji:

(i) Li l-azzjoni attrici ghandha tigi dikjarata preskritta;

(ii) Li kien hemm raguni valida ghan-nuqqas ta' sahra; u

(iii) Li d-danni kif likwidati huma esagerati.

Trattat l-appell, din il-Qorti taqbel mal-ewwel Qorti fejn din qieset li l-preskrizzjoni invokata mhux applikabbli ghall-kaz. L-artikolu in kwistjoni jimponi terminu ta' tmintax-il xahar ghall-azzjonijiet diretti ghall-hlas tas-salarju tal-attur. Issa, filwaqt li hu minnu li hemm gurisprudenza fis-sens li d-dritt ta' hlas ta' sahra jirrientra f'din il-lokuzzjoni (ara, per ezempju, il-kawza **Ciantar v. Hotel Administration Ltd.**, deciza minn din il-Qorti, Sede Inferjuri, fl-20 ta' Ottubru, 2003), il-kawza prezenti ma hijiex wahda ghall-<u>hlas</u> ta' sahra. F'dan il-kaz, l-attur qed jitlob dikjarazzjoni li hu ma nghatax sahra bi ksur tal-ftehim kollettiv u minghajr raguni valida, u per konsegwenza qed jitlob danni. Din ma hijiex, allura, kawza ghall-hlas tas-salarju, sahra jew allowances, izda wahda ghad-danni u, allura, l-artikolu invokat tal-preskrizzjoni ma japplikax ghall-kaz.

Fil-kuntest tat-tieni aggravju, din il-Qorti tara u taqbel mas-sottomissjoni tal-Korporazzjoni konvenuta illi kieku l-attur, li ghandu kariga gholja fi hdan it-taqsima tas-sigurta`, jaghmel il-kapricci u jidhol ghas-sahra meta jrid u joghogbu, johloq konfuzjoni u piki fis-settur, u dan zgur mhux konducenti ghall-amministrazzjoni sana fuq il-post tax-xoghol. F'dan il-kaz, pero`, ghalkemm din l-attitudni tal-attur giet allegata u mistqarra mill-Corporate Services Manager tal-Korporazzjoni konvenuta, ma gietx bl-ebda mod ikkoraborata. L-attur jichad kategorikament din l-

allegazzjoni u jghid li qatt ma rrifjuta li jahdem siegha zejda. Is-segretarja tat-Taqsima tal-Union tieghu tghid li taf lill-attur bhala bniedem habrieki u jhobb ix-xoghol tieghu u ma kienx jirrifjuta li jahdem sahra. Il-Korporazzjoni konvenuta ma pprezentat ebda dokument in sostenn tal-allegazzjoni taghha; ma gewx esebiti il-*logs* tal-haddiema jew l-*overtime sheets* taghhom, u lanqas ma gew prodotti *records* bid-dettalji ta' meta l-attur iddecieda ma jattendix ghal sahra. Lanqas ittra ta' twissija ma jidher li ntbaghtet lill-attur u lanqas qatt ma ttiehdu proceduri dixxiplinari ghas-suppost "kapricci" li ghamel l-attur. Ma tirrizulta prova ta' xejn ta' dak allegat mill-Korporazzjoni konvenuta, u meta l-allegazzjoni hi michuda, in-nuqqas ta' prova ma tistax tissarraf fi pregudizzju ghall-attur. Ghal bqija, jirrizulta li, taht il-ftehim kollettiv, il-korporazzjoni konvenuta kellha tqassam is-sahra "*b'mod kemm jista' jkun ekwu*" bejn il-haddiema, izda dan ma sarx.

Dwar l-ilment marbut mal-ammont ta' danni, din il-Qorti tara li ghandha tilqa' dan l-aggravju. L-ewwel Qorti tat lill-attur l-ekwivalenti ta' tlett snin sahra, izda ma giex ippruvat illi l-attur effetivament tilef dik is-sahra; kollox jiddependi mill-fatturi kollha tal-kaz, u l-attur ma weriex illi hu kien effetivament jahdem dik is-sahra kollha. Hu, anzi, jghid li "*b'kollox*" gie mcahhad sena sahra, u l-ewwel Qorti ma kellhiex, allura, takkordalu kumpens ghal tlett snin sahra. Dan l-aggravju sejjer jigi akkolt u d-danni ridotti ghal €11,646.87 (ekwivalenti ghal Lm5000 sahra f'sena).

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tal-Korporazzjoni Enemalta billi tilqa' l-istess biss in parte, u filwaqt li tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti, anke fejn cahdet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, tvarjaha fis-sens illi fit-tielet u r-raba' decide l-ammont ta' danni likwidati u li ghandu jithallas lill-attur huwa ta' €11,646.87, u mhux kif determinat mill-ewwel Qorti.

L-ispejjez in prim istanza jithallsu mill-Korporazzjoni Enemalta, kif stabbilit l-ewwel Qorti, waqt li dawk marbuta ma' din it-Tieni Istanza jithallsu terz ($^{1}/_{3}$) mill-attur u zewg terzi ($^{2}/_{3}$) mill-istess Korporazzjoni Enemalta.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef | Joseph Azzopardi<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb